**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Antonia Rapa**

Illum 3 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Antonia Rapa mart Loretu bint Vincenzo Pantalleresco u Caterina xebba Caurana li toqghod fil-fond 'Stella Maris', 48, Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 856033 M) akkuzata talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-27 ta' Frar 1995 u t-3 ta' Gunju 1998 bhala proprjetarja tal-fond 'Stella Maris', 48, Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellha l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom setghet twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar, ikkommettiet serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal disgha u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm49.08c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Barra minnhekk akkuzata wkoll talli ghamlet hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal erba' liri Maltin (Lm4.00).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-avukat difensur ta' l-imputata kif registrata fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2002 fl-assenza ta' l-imputata;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' serq ikkwalifikat bil-mezz;

Tilliberaha mill-akkuza ta' l-aggravju u tal-valur stante li l-allegat serq ma jammontax ghal aktar minn mitt lira Maltin (Lm100);

Wara li rat l-Artikoli 263 sa 266, 278 (1) u 325 (d) tal-Kap 9;

Wara li rat il-Fedina Penali ta' l-imputata;

Wara li semghet id-dikjarazzjoni ta' Silvio Decelis waqt is-seduta tal-lum li l-imputata hallset l-ammonti pretizi mill-korporazzjoni EneMalta;

Tilliberaha taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur